**KUNSILL LOKALI TAL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè' Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 06/11(31_08_11).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar l-Erbgħa, 31 t' Awwissu 2011, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, tal-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fis-7.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana – Sindku.
Is-Sur Mario Camilleri – Kunsillier.
Is-Sur Patrick Grima – Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv.

Assenti kien hemm is-Sur Saviour Spiteri – Viċi-Sindku u s-Sinjura Carmen Said – Kunsillier.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fl-24 t' Awwissu 2011.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Sejħa għall-offerti – *Public Private Partnership* fuq Toroq.
6. Fondi Eco-Gozo – Proġett ta' Parti mill-Pjazza tal-Knisja.
7. Offerti dwar Makkinarju u Bankini.
8. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
9. Rapport taċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi.
10. Rapport tas-Sindku.
11. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
12. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
13. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 65/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali rigward 'Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2012'.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 66/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Skema ta' Finanzjament għal titjib fil-*Playing Fields* Eżistenti'.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 67/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru W242 rigward il-kuntratti li kull Kunsill Lokali għandu bħalissa (bħal tindif eċċ).

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 68/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Korsijiet għall-Adulti (Lifelong Learning Classes)'.

2.05 Il-Kunsill irċieva Memo 69/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Strateġija Nazzjonali ta' Taħriġ'.

2.06 Il-Kunsill irċieva Memo 70/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Ħlasijiet ta' Dokumenti dwar Offerti'.

2.07 Il-Kunsill irċieva Memo 71/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Skema ta' Finanzjament għall-Kumitati Reġjonali'.

2.08 Il-Kunsill irċieva Memo 72/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Finanzjament għal Proġetti tal-Kunsilli Lokali taħt Programmi tal-Unjoni Ewropea'.

2.09 Il-Kunsill irċieva Memo 73/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Riorganizzazzjoni tas-Swieq fil-Beraħ – *White Paper*'.

2.10 Il-Kunsill irċieva Memo 74/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 24274 rigward il-Kunsilli Lokali li bbenefikaw mill-iskema *Public Private Partnership* fuq it-toroq li bdiet ftit tax-xhur ilu.

2.11 Il-Kunsill irċieva Memo 75/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Avviżi Legali dwar l-Infurzar Lokali'.

2.12 Il-Kunsill irċieva Memo 76/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Ħlas ta' Multi fl-Uffiċċji tal-Kumitati Reġjonali'.

2.13 Il-Kunsill irċieva Memo 77/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Ħruġ ta' Riċevuti Fiskali mill-Kunsilli Lokali'.

2.14 Il-Kunsill irċieva Memo 78/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Sistema ta' Infurzar – Kuntratti'.

2.15 Il-Kunsill irċieva Memo 79/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Kontroll fuq il-Firxa tal-Bumunqar l-Aħmar'.

2.16 Il-Kunsill irċieva Memo 80/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Training Needs Analysis (Kwestjonarju u Laqgħat ta' Konsultazzjoni)'.

2.17 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Avviż ta' Infurzar Nru: ECF 00339/11 li l-MEPA ħarġet lil sid ta' sit fi Triq Żgħawri, Il-Munxar minħabba ksur tal-kontroll ta' l-ippjanar li jikkonsisti fi żvilupp mhux skont il-permess PAPB760/91/2645/89 u li jikkonsisti f' varjazzjonijiet fit-tqassim tal-bini kemm fuq ġewwa kif ukoll dak ta' barra kif ukoll għandu kamra fuq in-naħa ta' wara mingħajr permess.

2.18 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-WasteServ Malta Ltd. rigward il-'European Week for Waste Reduction' bejn id-19 u s-27 ta' Novembru 2011.

2.19 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand il-Malta National Book Fair Organising Committee fi ħdan The National Book Council, Bibljoteka Nazzjonali sabiex il-Kunsill jipparteċipa fil-Malta National Book Fair 2011 bejn id-9 u t-13 ta' Novembru 2011 fil-Mediterranean Conference Centre, Valletta.

2.20 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Memo 66/2011 – Skema ta' Finanzjament għal Titjib fil-*Playing Fields* Eżistenti'.

2.21 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand it-Transport Malta rigward il-'Preliminary Analysis of Road Tunnel link Options between Malta and Gozo'.

2.22 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Government Property Department rigward it-'Training Sessions' fuq is-sistema l-ġdida tal-Government Property Department Rent Collection System Interface.

2.23 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-OASI Foundation rigward 'OASI Foundation latest project' fejn ingħatat informazzjoni dwar il-proġett Young People in Gozo – A Study (2).

2.24 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Malta Basketball Association rigward 'Basketball for Juniors'.

2.25 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Inspire - The Foundation for Inclusion rigward is-'Cycling for a Cleaner Future Charity Event' fit-18 ta' Settembru 2011, bħala parti minn National Car Free Day.

2.26 Il-Kunsill irċieva ittra u *brochures* mingħand l-MCAST rigward l-MCAST September 2011 Part Time Courses.

2.27 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand it-Taqsima Kultura, Dipartiment tal-Customer Services fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward 'Milied 2011 – Presepji esibiti għall-Pubbliku'.

2.28 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Corporate Identities rigward l-'Awareness Campaign in Gozo about Diabetes' *hosted* minn Vivian Corporation.

2.29 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-*Policy Coordinator*, fis-Segretarjat tas-Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika fejn irreferiet għall-korrispondenza li ntbagħtet mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward in-'National Cultural Event' bit-titolu 'Play me, I'm Yours'.

2.30 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Amministratur, Universita' ta' Malta (Gozo Campus) rigward l-Annual Summer Social Activity ta' din is-sena ntitolata 'An Evening with Chasing Pandora', fis-26 t' Awwissu 2011.

2.31 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-President, A.F.D.A. (Ability for Disability Association) fejn ingħatat informazzjoni dwar din l-organizzazzjoni u ntalbet għajnuna mill-Kunsill.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva talba sabiex isir *loading* u *unloading* quddiem l-Utina Diving fi Triq ir-Rabat, Ix-Xlendi. Il-Kunsill kien ser japplika ma' Transport Malta.

3.02 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Uffiċjal Awtorizzat – Tribunal Lokali Lvant rigward *Towing* ta' Vettura fejn ġejna informati li l-Kumitat Konġunt ma għandu ebda awtorita' fuq każijiet li għandhom x' jaqsmu ma' *Towing*. Dan għaliex is-servizz jiġi ngħatat mingħand il-Pulizija u mhux minn Gwardjani. Għaldaqstant it-talba sabiex jingħata l-flus lura ma tistax tiġi milqugħa.

3.03 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand resident li qed jilmenta dwar sinjali sofor li ġew immarkati fit-triq quddiem il-proprjeta' tiegħu. Is-Sindku kien diġa' kellem lil din il-persuna u spjegalha li s-sinjali saru sabiex ma jiġix imblukkat id-dħul u ħruġ ta' vetturi.

3.04 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-WasteServ Malta Ltd. Huma qed jitolbu lill-Kunsill iħallas is-somma ta' €1,502.34 bħala *tipping fee* li suppost tħallsu iżda għadhom ma tħallsux. Il-Kunsill irċieva direttiva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex dawn ma jitħallsux.

3.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand resident ta' Triq ir-Rumani, Ix-Xlendi fejn qed isaqsi jekk hemmx xi *time frame* sabiex din it-triq tinkesa bit-tarmak. Ma hemm l-ebda *time frame* fuq dan ix-xogħol.

3.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand turista li kienet fuq btala fix-Xlendi. Din qed tilmenta li s-*sunbeds* u umbrelel li kienu jinkrew fix-Xlendi ma kellhomx prezz fiss u lanqas ma ngħataw riċevuti. Din il-persuna qed titlob lill-Kunsill sabiex jirregola l-prezz. Peress li dan huwa Kuntrattur privat, il-Kunsill ma għandhux ġurisdizzjoni fuqu.

3.07 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-OASI Foundation rigward *research* li ser issir dwar iż-żgħażagħ bħala parti mill-Proġett Eco-Gozo. Huma qed jistiednu lis-Sindku jattendi għal-laqgħa li ser issir fit-2 ta' Settembru 2011.

3.08 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Health Promotion and Disease Prevention Directorate rigward il-'Walking Bus' bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Munxar u l-Iskola Primarja Ta' Sannat. Din ser tkun tikkonsisti billi grupp ta' tfal jimxu lejn l-Iskola u lura taħt is-supervizzjoni ta' adulti ttrejnjati. Din ser tkun ta' benefiċċju kemm għat-tfal u voluntiera li jieħdu ħsiebhom, kif ukoll għall-Komunita'.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 06/11(31_08_11).

**5.00 Sejħa għall-offerti – *Public Private Partnership* fuq Toroq.**

5.01 Il-Kunsill talab lil Gatt Tarmac Ltd, il-Kuntrattur li kellu l-orħos offerta sabiex jirrevedi l-prezzijiet li ġew mitluba minnu. Huwa ppreżenta l-*Bill of Quantities* b' ammont ta' €34,330.60 orħos minn dawk ikkwotati minnu jekk jitħallas fuq sentejn. Il-Kuntrattur qed jitlob li bil-prezzijiet il-ġodda l-ħlas isir hekk kif jitlesta x-xogħol. Ġie deċiż li l-Kunsill jitlob *commitment* ieħor mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali jew fuq it-toroq kollha jew inkella fuq Triq ir-Rumani, Triq l-Andrijiet u Triq ta' Rinota.

**6.00 Fondi Eco-Gozo – Proġett ta' Parti mill-Pjazza tal-Knisja.**

6.01 Il-Kunsill qed jistenna lill-Perit Samuel Formosa sabiex ilesti l-*Bill of Quantities* sabiex toħroġ it-*Tender*. Ġie deċiż li l-pavimentar tal-Pjazza jsir bil-*Porfido Tiles* imdawwar b' disinn bil-Madum tal-Qawwi.

**7.00 Offerti dwar Makkinarju u Bankini.**

7.01 Il-kaxxa ta' l-offerti għall-Kiri ta' Makkinarju ngħalqet u nfetħet fil-5 t' Awwissu 2011 u nstabu żewġ offerti:

(1) Bugeja Bros. (Gozo) Ltd.
(2) William Xuereb

Il-Kunsill qabel unanimament li l-offerta tingħata lis-Sur William Xuereb peress li kienet l-orħos offerta.

Il-kaxxa ta' l-offerti għall-Kostruzzjoni ta' Diversi Bankini ngħalqet u nfetħet fil-5 t' Awwissu 2011 u nstabet offerta waħda:

(1) Bugeja Bros. (Gozo) Ltd.

Il-Kunsill qabel unanimament li l-offerta tingħata lil Bugeja Bros. (Gozo) Ltd. peress li kienet l-unika offerta u bi prezzijiet raġonevoli.

**8.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

8.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-ħaddiema ta' IPSL kienu bdew ix-xogħol fuq il-Pjazzetta ta' Triq it-12 ta' Diċembru 1957. F' din il-Pjazzetta ser jiżdied is-*soft area*, isir monument u *merry-go-round*.
Il-ħaddiema tal-Works Division kienu qed jagħmlu xogħol ta' żebgħa fix-Xlendi filwaqt li l-ħaddiema ta' l-ETC qed jagħmlu xogħol ta' tisqija u qtugħ ta' ħaxix.

**9.00 Rapport taċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi.**

9.01 Iċ-*Chairperson* is-Sur Godwin Azzopardi ma kienx preżenti.

**10.00 Rapport tas-Sindku.**

10.01 Is-Sindku ta rendikont ta' laqgħat li saru mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill s' issa.
Saret laqgħa ma' l-Onor. Dr. Chris Said fejn ingħata rapport tax-xogħlijiet u fondi li akkwista l-Kunsill.
Is-Sindku attenda laqgħa li saret ma' *stakeholders* dwar it-*Tunnel* ta' bejn Malta u Għawdex.
Attenda għal-laqgħa ma' Rappreżentant ta' l-HSBC Bank Malta plc sabiex il-kamra fil-*Parking* tax-Xlendi tintuża għal ATM.
Attenda għal-laqgħa dwar il-*Walking Bus* għat-tfal tal-Munxar li jattendu l-Iskola Ta' Sannat u laqgħa l-Ministeru għal Għawdex sabiex il-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi u l-Kunsill jiġu informati dwar ix-xogħlijiet ta' tisbiħ li hemm proposti għax-Xlendi. Suġġerimenti li saru fosthom dwar *telephone boxes* ser jiġu inklużi fil-proġett.
Attenda laqgħa ma' Rappreżentanti tal-Banif Bank Malta plc u tal-Maltapost plc. Attenda wkoll għal-laqgħa tar-Reġjun Għawdex dwar attivitajiet u diskussjonijiet dwar Jum Għawdex. Ġie deċiż li jinxtraw erba' stendardi għall-bnadar ta' Il-Munxar, Ewropa, Malta u tar-Reġjun.

**11.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

11.01 Is-Segretarju Eżekuttiv kien attenda flimkien mas-Sindku u Rappreżentant ta' Din l-Art Ħelwa għal-laqgħa li saret ma' Rappreżentant ta' Banif Bank Malta plc. L-għan ta' din il-laqgħa kien li l-Bank jisponsorja parti mix-xogħlijiet ta' restawr tat-Torri tax-Xlendi. Il-Bank talab aktar informazzjoni fuq il-proġett tat-Torri tax-Xlendi.

11.02 Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku attendew għal-laqgħa ma' Rappreżentanti tal-Maltapost plc. Huma ppreżentaw abbozz ta' kuntratt sabiex jibda jingħata servizz ta' *sub post office* mill-Kunsill Lokali. Permezz ta' dan il-ftehim, il-Kunsill ser ikun jista' jagħti aktar servizzi mill-Uffiċċju Amministrattiv. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li jsir *counter* speċifikament għal dak ix-xogħol ta' *sub post office* u jsir fis-sular t' isfel, taħt it-taraġ. Dan il-*counter* jista' jsir mill-mastrudaxxa tal-IPSL. Ser isir tentattiv li dan is-*sub post office* jitmexxa minn ħaddiem mill-Iskema Xogħol fil-Komunita' ta' l-ETC u jekk ma huwiex possibbli l-Kunsill joħroġ sejħa għal Skrivan/a *part-time*. Fil-bidu l-ħinijiet ikunu mit-Tnejn sas-Sibt, mit-8 ta' filgħodu sal-11 ta' filgħodu.

11.03 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li s-sejħa għall-offerti MXR/02/2011 (Miżuri 323 u 313) ser tagħlaq fis-6 ta' Settembru 2011. Għaldaqstant ġie deċiż li jinħatar *Adjudication Board* kompost mill-membri tal-Kunsill flimkien mal-Perit William Lewis. L-ewwel laqgħa ser issir fis-7 ta' Settembru 2011.

**12.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

12.01 Is-Sur Mario Camilleri reġa' fakkar lill-Kunsill rigward il-*barrier* li hemm quddiem id-daħla ta' l-entratura ta' Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina. Dik li hemm preżenti hija żgħira u hemm bżonn li titkabbar aktar.

**13.00 Materji oħra.**

13.01 Is-Sindku ssuġġerixxa li jsir *billboard* fil-Pjazza tal-Knisja u oħra fil-Pjazzetta ta' Triq it-12 ta' Diċembru 1957. Issuġġerixxa wkoll li jsir fuljett ta' informazzjoni u jitqassam f' kull residenza fil-Munxar u Ix-Xlendi.

13.02 Is-Sindku ġie avviċinat minn sid il-post fil-Pjazzetta ta' Triq it-12 ta' Diċembru 1957 li għandu fanal imwaħħal mal-faċċata tiegħu u dan jekk il-Kunsill irid jista' jsir jixgħel mid-dwal tal-bozoz tat-toroq. Kien hemm qbil dwar dan.

Il-laqgħa spiċċat fit-7.50 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 29 ta' Settembru 2011, fis-7.00 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***